# TBATIJA U FERĦ TAL-BIDWI

Ħafna jaħsbu li l-ħajja tal-bidwi kollha ward u żahar, fil-waqt li oħrajn min-naħa l-oħra jistqarru li hi miżgħuda bi tbatija l-iżjed kiefra, mingħajr ebda ħaġa li tista' tferraħ. Imma jien ingħid li sewwa dawn kemm l-oħrajn ma jiflux u għalhekk ma' jifhmux tajjeb ħajjet il-bidwi: fiha nsibu minn dan u mill-ieħor kif igħidu, għax kull ħelu fih il-morr.

M'għandniex xi ngħidu, bil-kelma bidwi jien hawn infisser dak il-bidwi li jaħdem ir-raba' li qiegħed imqabbel għandu. Jekk ir-raba' ikun ta' min jaħdmu, dan ma jkunx bidwi fqajjar, ħaddiem li jaqlagħha ta' kull jum u risqha b'għaraq ġbinu, imma l-aqwa għani li jista' bħal kieku xejn iħaddem lil min irid minn floku. Il-bidwi li fuqu jien sa nitkellem igħaddi ħajja ta' għaks u tbatija; iżda xi daqqiet jiġi wkoll xi jferrħu. Kieku kelli nitkellem fuq ix-xogħol kollu li ma' tul is-sena l-bidwi jrid itemm bil-għawġ u l-ħqir kollu li jiltaqa' miegħu u jbiċċirlu qalbu, kieku ma kienx ikun biż-żejjed għajr ktieb oħxon. Għalhekk nitfa daqqa' ta' għajn fuq fuq biex nuri x'naħseb u għaliex hekk naħseb fuq ħajjet il-bidwi.

Dan il-bniedem igħix fost nies li huma bnedmin bħalu: mhux qalb is-sħab kaħlani u fuqani u sabiħ u x'naf jien fejn bosta drabi jħobb jiddawwar il-ħsieb ta' poëti kollha ħolm ħelu manna; għandna nqisuh ta' li hu mingħajr ma nnaqsulu u anqas inżidulu: jiġifieri, għandna naqraw f'ħajjet il-bidwi dak li hemm tassew. U dan biss nistgħu nagħmluh jekk inħarsu lejħ kif inhu ma' dwarna u nteghmu xi ftit mill-għamil tiegħu. Naħseb li sa tiġini tajba għax sewwa sew issa qiegħed nilmaħ wieħed mgħaġġel isuq lejn l-għalqa.

Qegħdin fir-rebbiegħa. Mita wieħed igħid hekk ma baqax fejn jasal: ikun qal kollox; għax rebbiegħa għal bosta li ma jaħsbux, tfisser kollox ħlewwa, kollox tlellix mill-aqwa bl-ebda ħjel ta' tbatija. Hekk jaħseb biss dak il-bniedem li min għalih f'din id-dinja kollox ward. Imma min għandu għajnejh biex jara, jista' jikxef is-sewwa. Dak il-fqajjar ta' bidwi li dari jħaffef biex jasal fil-lant, jidher ħosbien għall-aħħar; u huwa ħosbien għax jaf bla tmerija ta' xejn li l-għelieqi tiegħu sejrin jatuh x'jagħmel ħafna, iżjed minn li jiflaħ: għalhekk iħoss jaqta' qalbu. Jaf li hi r-rebbigħa, li qorob ħsad is-silla u l-ġbir tal-widna u ħafna xogħol ieħor. Jaf li s-sena s-silla kollha mgħaseb twal, u trid xogħol għal mewt biex tiġborha: mbagħad la darba naqsu l-bhejjem ma tkun iġġib xejn. Dan isewwidlu qalbu lil-bidwi; ma ngħidx li hu jaħdem għal flus biss: imma l-ħajja trid tkun, hu m'hux anġlu tas-sema u anqas martu b'uliedhom.

Min-naħa l-oħra mbagħad, tul dan il-ħin kollu hu għandu għax jifraħ, għalkemm mhux kull sena tkun bħas-sena. Is-

sbuħija tar-raba' tiegħu, l-iktar mita huma mgħottija bil-ħdura bħal issa, mita ward is-silla donnu jħammar ibħra ta' ħdura u ż-żiffa, mita tinħass, tmewweġ il-qamħ li għadu jikber fl-aħjar tiegħu,—il-bidwi jitgħaxxaq b'dan kollu għalkemm, daqqiet l-anqas jaf biex. Huwa jifraħ mita jara dan, imma t-tfixkil li jaqsamlu l-mixi tiegħu fil-ħajja jmewwitlu dan il-ferħ, jew għall-anqas iħallatulu bl-imrar. Hekk jiġrilu fil-ħinijiet kollha tas-sena. Fil-ħarifa jara li għad irid igħaddi ħafna żmien qabel ma jlaqqat xi ħaġa x'jaħżen ir-razzett: jara kollox niexef, bla ħajja; u jitkexkex b'din il-wirja kerha. Għax il-bidwi jaf jagħraf ukoll sbuħija minn kruha, jaf jifraħ b'dak li hu tajjeb u jagħli b'dak li hu ikraħ u waħxi, ta' swied il-qalb.

U fis-sajf? Fis-sajf jum xogħol għal bidwi jkun jaf x'inhu biss min joqgħod, minn fil-għodu kmieni sa ma' jidlam jaħdem mingħajr ma jehda u jitħabat aktarx taħt xemx tisreġ u tgħammex l-għajnejn bid-dija u ttalla d-demm fl-irjus bis-sħana tagħha Fis-sajf xofftejn il-bidwi, għalkemm xierfin ħafna, mħabba fis-sħana u fil-għabra jitqattbu u jinqasmu. Imma hawn ukoll hu jara l-ġid li l-ħedma tiegħu ma tul is-sena tkun swietlu: jara l-ħalel tal-qamħ imħejjijin għad-dries. Jifraħ bil-bhejjem li jċaqalqu qajl qajl kemm kemm jitħarku, u jisħqu t-terħa. Jifraħ mita jinduna li l-mitbna u l-għarma huma kbar ħafna u b'qalbu mfawwra bil-ħajr iħażżeż salib fuqhom biex Alla jkattarhom u jbierikhom.

U jithenna mita fil-qilla tax-xitwa waqt it-tvenvin tar-riħ u tkarwit tar-ragħad hu jinsab imħaxken fil-kenn tat-tiben, qrib il-matmura, ħdejn barmil tin u bettija mbid u ikel ieħor, imdawwar bl-għajjat daħkieni ta' wliedu u bit-tbissim ta martu. Imma fost dan il-ferħ xi ħsieb ikraħ iħawwadlu moħħu: jista' ikun li għad jasal xi żmien ta' għaks u ta' faqar kbir. U jaf ukoll li jekk ma' jħabrikx ma' jkollu xejn xi jwegħedu għas-sena li ġejja. B'dan il-ħsieb f'rasu jbakkar fil-għodu, jisma' quddiesa bħal ħalliel, mita jista', u mbagħad jitlaq għax jaf li għandu ħafna nqix u taqxir u ħart; għalkemm qatta ħafna mis-sajf jagħżaq u jdemmel ir-raba'. Jiddejjaq xi ftit mita jaħseb li jkollu joħroġ, fuq qalbu jew mhux, f'dak il-bard u l-kesħa kmienija li qegħdin jagħmlu tagħhom sħiħ. Minnufih hawn ukoll jaqbżu f'moħħu ħsiebijiet li jfarrġuh: ma' jaħdemx għalih biss, imma għal dawk li jħobb, huma min huma. Dan il-ħsieb itaffilu t-tbatija li jkun qiegħed iġarrab.

. Mita, fl-aħħarnett, jinġabar fih in-nifsu u jaħseb għal ftit żmien, huwa jintebaħ li ħajtu hija ħajja ta' xogħol u ta' tbatija u ta' faqar ħafna drabi, imma ma' jonqosx minnha l-hena, u li biha jista' jagħmel ħafna ġid lil artu: ħajja li tixbaħ l-ewlenija tal-misserijiet fil-qedem. Jien ukoll hekk naħseb.

Orazio Vella.